**Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90, Head Office,
Marsa, MRS 1000 Malta
Email: ambjent@maltadiocese.org

**AVVIŻ - KONFERENZA**

## LAUDATO SI': MID-DOKUMENT GĦALL-AZZJONI

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent ser torganizza konferenza mnebbħa mill-enċiklika **Laudato Sì** tal-Papa Franġisku.

Fil-konferenza, li se jkollha t-tema **Laudato Si': mid-Dokument għall-Azzjoni**, rappreżentanti ewlenin tal-Istat kif ukoll tal-Knisja f'Malta se jiġu mistiedna jiddiskutu u, possibilment, jimpenjaw ruħhom, dwar għadd ta' proposti ispirati mill-enċiklika, li l-KA tħoss li huma relevanti sabiex pajjiżna jkun dejjem aktar sostenibbli f'kull livell.

Il-konferenza se tkun imqassma fuq żewġ sessjonijiet. L-ewwel waħda tkun il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru 2015 fis-6.00 ta' wara nofsinhar u ssir ġewwa l-Istitut Kattoliku l-Furjana, u l-oħra tkun l-għada s-Sibt fid-9.00 ta' filgħodu ġewwa l-Kurja tal-Isqof, ir-Rabat Għawdex.

Fiż-żewġ sessjonijiet se jkun hemm trasmissjoni permezz ta' Skype ħalli min ma jkunx jista' jaqsam il-fliegu jkollu l-possibiltà li jipparteċipa xorta waħda.

Aktar tagħrif billi ċċemplu 79070357 jew 21380540, jew billi tiktbu email fuq ambjent@maltadiocese.org